MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 714/2003

**Adrian Bajada.**

**vs.**

**Louise Bajada .**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Lulju 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-
Illi l-kontendenti Adrian Bajada u Louise Bajada huma mizzewgin lil xulxin u d-dar konjugali taghhom hija stabbilita fil-fond bl-isem "Helcar", Flat 5, Sawmill Street, Msida;

Illi l-imsemmija dar konjugali tappartjeni lill-konjugi Bajada flimkien kif evidenzjat mill-kuntratt ta' xiri ppubblikat fl-att tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri fit-12 ta' Dicembru 1991, (Dok “A”);

Illi, minnhabba disgwid matrimonjali, kienu ghaddejin bejn il-konjugi Bajada trattattivi intizi ghas-separazzjoni konsenswali taghhom;

Illi fil-frattemp, u appuntu *in vista* ta' tali trattattivi u *in vista* ukoll tad-disgwid kontinwu fid-dar konjugali, l-attur, bl-accettazzjoni tal-konvenuta, allontana ruhu mid-dar konjugali temporanjament b’idea illi jerga' jirritorna fil-bidu tax-xahar korrenti, sabiex fl-intervall ir-rapport bejn il-kontendenti jikkalma. L-attur ghalhekk halla l-hwejjeg u l-affarijiet personali tieghu fid-dar konjugali u kien regolarment jirritorna d-dar sabiex jivvizita lit-tfal.

Illi f’gurnata u hin mhux maghruf ghall-attur izda illi kienet fil-perijodu bejn it-28 ta' Gunju 2003 u t-8 ta' Lulju 2003 il-konvenuta, minn ghajr il-kunsens tal-attur zewgha, anzi vjolentement u klandestinament biddlet is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar konjugali b' mod illi l-attur ma jistax jidhol aktar fid-dar konjugali tieghu.

Illi, minkejja t-tentattivi tieghu sabiex jidhol fid-dar matrimonjali, l-attur ghadu barra mid-dar konjugali;

Illi mid-diskors tieghu mal-konvenuta l-istess konvenuta accettat illi l-att ta' spoll sar minnha;

Illi, ukoll, l-agir tal-konvenuta fuq imsemmi jikkonsisti fi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur illi huwa ntitolat illi jigi ri-integrat fl-istat ta' fatt anticidenti l-ispoll imwettaq mill-konvenuta;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuta, b'ghemilha fuq imsemmi, ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur

*ai termini* tal-**artikoli 534 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap. 16)**

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta, fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss minn din l-Qorti, hija tispurga l-ispoll hekk minnha kommess u tirreintegra lill-istess attur fil-pussess tad-dar konjugali cioe' "Helcar", Flat 5, Sawmill Street, Msida u dan, okkorendo, billi tigi ordnata tikkonsenja l-pussess tal-istess fond lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit (Dok “A”) a fol. 4 sa 16 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-21 ta’ Jannar 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 23 ta’ Frar 2004 a fol. 37 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament il-mertu tal-kawza hu ezawrit *stante* li fil-mori l-esponenti giet awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-attur b’digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili.

2. Fil-mertu, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

3. Illi ma jinkorrux l-elementi mehtiega ghall-kawza proposta bic-citazzjoni odjerna.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 38 u 39 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 3 ta’ Dicembru 2003 bl-affidavits tal-attur u ta’ Alfred Bajada (fol. 27).

Rat l-affidavit tal-konvenuta datat 18 ta' Novembru 2005 (fol. 87).
Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti, nkluzi dawk tal-istess kif hekk presjeduta, fejn fit-22 ta' April 2004 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex tiffissa zewg seduti ghal kull parti ghall-konkluzjoni tal-provi; u l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2005 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-konvenuta prezenti. L-attur u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Lorraine Schembri Orland infurmat lill-Qorti li ma saret l-ebda seduta. Il-kawza giet diferita *Sine Die*.

Rat ir-rikors tal-attur datat 4 ta' Frar 2005 a fol. 45 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti tordna illi din il-kawza tigi riappuntata quddiem din l-istess Onorabbli Qorti sabiex tigi ttrattata u deciza skont il-ligi; u l-Qorti, bid-digriet taghha moghti fit-8 ta' Frar 2005 laqghet it-talba u irriappuntat il-kawza ghas-6 ta' April 2005 kif jidher a fol. 47 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri.

Rat id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 8 ta' Novembru 2007 fejn gie degretat li peress li din hija kawza ta' spoll din tesorbita mill-kompetenza tal-istess Qorti u allura l-process gie rimess lir-Registratur tal-Qorti biex l-istess kawza tigi assenjata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghas-16 ta' Jannar 2008 (fol. 129).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, ix-xhieda quddiemha kollha prodotta u d-dokumenti prezentati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta wahda sabiex isir ri-ezami tal-attur u

tali seduta kellha tigi ffissata sal-ahhar ta' April b'ordni tal-Qorti; u tal-21 ta' Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta' Gunju 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija azzjoni ta' spoll fejn jirrizulta li l-partijiet huma koppja mizzewga, proprjetarji tal-fond "Helcar", Flat 5, Sawmill Street, Msida akkwistat minnhom b'kuntratt datat 12 ta' Dicembru 1991 (Dok. "A") u jirrizulta li l-istess koppja ghaddiet minn disgwid matrimonjali li anke waslu sabiex jinbdew trattativi ta' separazzjoni bonarja. L-attur qed jallega li waqt li kienu qed isiru dawn it-trattativi huwa temporanjament allontana ruhu mid-dar sabiex wara jirritorna fid-dar konjugali; izda sab li bejn it-28 ta' Gunju 2003 sat-8 ta' Lulju 2003, l-istess konvenuta minghajr il-kunsens tieghu, u klandestinament u vjolentement biddlet is-serratura tal-bieb ta' barra tal-bieb konjugali b'mod li l-attur ma' jistax jidhol fid-dar konjugali u ghalhekk qed jitlob lill-Qorti sabiex jigi ddikjarat li l-istess konvenuta kkommettiet spoll u sabiex tigi kkundanata tispurga l-ispoll u huwa jigi reintegrat fil-pussess tal-fond *de quo.*

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma fis-sens li l-mertu huwa ezawrit peress li hija qed tghid li fil-mori tal-kawza hija giet awtorizzata sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attur b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt anke ghaliex ma' jinkkonkorrux l-elementi ta' spoll.

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq **l-artikolu**

**534 tal-Kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine**" – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest" (**"Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna"** – P.A.(H.H.) 21 ta' Frar 1983), pero` "pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**"Camilleri vs Giglio"** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza **"Marthese Borg vs Gorg Borg"** (P.A. – 25 ta' Frar 1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet **“Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**” (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta’ April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

“*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b’ mod konklussiv li kellu ‘un possesso di fatto’ u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni.*” (**“Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius”** P.A. - 5 ta’ Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassativament li:-

“*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*”

Hekk il-kawza **“Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et”** (P.A. (FGC) – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta’ Gunju 1998 gie riaffermat li:-

“*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta’ spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta’ pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta’ spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f’ ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x’ jghidu u x’ ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*” (**“Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone”** – Appell 9 ta’ Marzu 1992). Tal-istess portata hija s-sentenza **“Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar”** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta’ Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

“*Din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba ‘stat ta’ fatt’ arbitrarjament u hija intiza ‘unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga’ iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel*

*ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. (A.M) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' Jannar 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12 ta' April 1958 - Vol XLLI. Pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza **"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** ( P.A. (FGC) – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b' dan li skont il-pronunzjament fis-sentenza **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skont l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **“N.M.J.Agius vs A. Said”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **“Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine”** (P.A. 26 ta’ April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **“Dr. Rene’ Frendo Randon vs David Sciberras”** (P.A. 20 ta’ Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **“C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited”** (P.A. 1 ta’ Lulju 1999. Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **“Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea”** (P.A. 15 ta’ Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **“Christine Ward vs Neville Ward”** (P.A. 13 ta’ Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **“Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar”** (P.A. 30 ta’ Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **“Alan Mckay vs Jacqueline Mckay”** (P.A. 27 ta’ Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **“Salvu Gauci vs Gaspare Psaila”** (P.A. 11 ta’ April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **“Abela vs Abela”** (P.A. 13 ta’ April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **“John Saliba vs Joanne Refalo”** (P.A. 13 ta’ April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **“Anthony Micallef vs Doris Micallef”** (P.A. 2 ta’ Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **“Carmelo Fenech vs Joseph Vella”** (P.A. RCP. 3 ta’ Ottubru 2000); **“Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri”** (P.A. RCP 25 ta’ Ottubru 2000); **“Clive Simpson vs Louis Muscat et”** (P.A. 13 ta’ Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **“Neville Xuereb vs Raymond Aquilina”** (P.A. RCP 14 ta’ Marzu 2001); **“Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine”** (P.A. 14 ta’ Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **“NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine”** (P.A. 14 ta’ Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **“Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma”** (P.A. RCP 26 ta’ April 2001); **“Mark Napier vs Andre’ Bianchi”** (P.A. 26 ta’ April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **“Michael Fenech vs Licari Estates Limited et”** (P.A. 26 ta’ April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u “**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**” (P.A. 12 ta’ Lulju, 2001 – Citaz Nru 632/98/RCP) u **“Carmelo Gauci et vs Guzeppi Sammut et”** (P.A. (RCP)

20 ta’ Marzu 2006) u **“Farr Limited vs Carmelo Bonnici et”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Marzu 2007.

Illi applikati l-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li l-istess attur (affidavit tal-1 ta’ Dicembru 2003) allontana ruhu mid-dar f’Mejju 2003 ghalkemm baqa’ jmur kuljum fl-istess dar u jiftah bic-cavetta tieghu sabiex jara lill-uliedu. Jghid li mar bhas-soltu d-dar fl-ewwel gimgha ta’ Lulju 2003, fetah il-bieb tal-entratura principali tal-appartamenti, izda ma setax jiftah il-bieb tal-appartament tieghu u induna li dan kien ghaliex kien hemm serratura gdida. Wara l-konvenuta qaltlu li ma ghandu l-ebda dritt jmur fl-istess dar u rrifjutat li taghtih kopja tac-cavetta ghas-serratura l-gdida. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ Alfred Bajada, missier l-attur fl-affidavit tieghu datat 3 ta’ ta’ Dicembru 2003 u mir-rapport li huwa ghamel fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida fit-8 ta’ Lulju 2003 (Dok. “SG” – fol. 85).

Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenuta jinghad li kull ma kien hemm bhala prova f’din il-kawza huwa li hija kienet ipprezentat rikors fis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 2 ta’ Mejju 2003 li gie degretat mill-istess Qorti (fol. 110) b’dan li l-konvenuta giet awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni, l-kura u l-kustodja tal-minuri gew fdati f’idejn l-omm, b’access liberali lill-attur bi preavviz ragonevoli lil martu, u fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghal martu u wliedu, izda dwar ir-raba’ talba tal-konvenuta fir-rikors taghha premess gie degretat li l-Qorti *“tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba billi dan diga ivvaka d-dar konjugali”.* Il-konvenuta tispjega wkoll id-differenzi matrimonjali li kien hemm bejn il-partijiet u li waqt dan id-disgwid l-attur ma bediex immur kuljum id-dar u mbaghad waqaf jorqod id-dar, izda jmur meta jfettillu, u meta rat hekk jidher li bidlet is-serratura tal-bieb tal-appartament taghha, u sussegwentement gie moghti d-digriet tal-Qorti (Dok. “LSB 4”). Hija tghid li kien hemm incidenti bejn l-istess partijiet u akkuzat lill-attur li kien aggressiv fil-konfront taghha tant li esebit rapporti li hija ghamlet lill-pulizija datati 21 ta’ Ottubru 2002 (Dok. “LB2”) u iehor wara l-kommissjoni ta’ l-allegat spoll datat 21 ta’ Lulju 2003 (Dok. “LB3”).

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li fil-perjodu meta l-konvenuta bidlet is-serratura tal-appartament “Helcar”, Flat 5, Sawmill Street, Msida, hija kkomettiet spoll ricenti u privilegjat fit-termini tal-ligi, u konsegwenti ghal dan is-sitwazzjoni baqghet l-istess; fil-verita’ minkejja dak indikat fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghha, ma hemm l-ebda digriet li bih l-attur gie ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali – kull ma hemm hija talba tal-konvenuta sabiex tordna lill-attur sabiex jivvaka id-dar martimonjali u tawtorizzaha tabita fl-istess dar *pendente lite* flimkien ma’ uliedha, li l-Qorti astjeniet li tiddeciedi ghaliex inghad li l-attur kien gja ivvaka d-dar matrimonjali u dan fl-opinjoni tal-Qorti certament li ma jammontax ghal digriet li qed issemmi l-konvenuta fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghha li tghid li bih *“hija giet awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-attur b’digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili”.*

Illi ovvjament din il-Qorti qed tiddeciedi l-punt ta’ l-ispoll biss fis-sens li jirrizulta li fiz-zmien meta l-konvenuta bidlet is-serratura tal-bieb ta’ barra tal-appartament tal-konjugi Bajada, hija kkommettiet spoll, u hadet il-ligi b’idejha, u dan meta jirrizulta li l-istess attur kellu pussess u access ghall-istess dar konjugali, u dan jirrizulta ammess anke mill-konvenuta, tant li hija stess tghid li l-attur kien meta jrid u x’hin irid immur u jaccedi fid-dar matrimonjali. Din il-Qorti qed tiddeciedi fuq dan il-punt biss b’mod li l-partijiet ghandhom jaraw li jobdu kull ordni kompetenti tal-Qorti, nkluza ovvjament dik moghtija mill-Qorti tal-Familja.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqguha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa’ t-talbiet attici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuta, b'ghemilha fuq imsemmi, ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur

*ai termini* tal-**artikoli 534 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap. 16).**

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta, fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, hija tispurga l-ispoll hekk minnha kommess u tirreintegra lill-istess attur fil-pussess tad-dar konjugali cioe' "Helcar", Flat 5, Sawmill Street, Msida, u dan billi tikkonsenja kopja tac-cavetta tal-istess bieb tal-appartament imsemmi lill-attur b'mod li bl-istess cavetta l-attur ikollu access ghall-fond mertu tal-kawza odjerna.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Louise Bajada.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------